# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 873

KAZ NRU. 969

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

General Workers' Union

u

Casma Limited

dwar gharfien ufficjali ewlieni tad-Dipartiment tal-Food & Beverages tal-Casma Ltd

Data : 3 t'Ottubru, 1997

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

**Membri : Francis Coleiro**
**Maurice Petrocochino**

**Introduzzjoni**

Illi b'ittra datata 12 ta' Settembru, 1995, l-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rrefera din it-Tilwima tax-Xoghol lil dan it-Tribunal ghat-temm obbligatorju taghha ai termini tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress illi b'ittra datata 1 ta' Settembru, 1995, l-Hotels, Restaurants, Food and Allied Section tal-General Workers' Union talbet illi in vista li tgawdi u tirrapprezenta l-maggoranza tal-

haddiema tal-Food & Beverage Department fil-Casino, ghandha tinghata l-gharfien ufficjali u assolut biex tinnegozja f'isem l-istess haddiema fuq il-post tax-xoghol.

Illi fl-*istatement of case* taghha, l-istess Union in vista tas-suespost tikkostitwixxi *a free and separate bargaining unit* divers mill-kumplament tal-azjenda, aktar u aktar billi l-catering huwa distint fi kwalunkwe aspett mid-Dipartiment l-iehor, ossia l-*gaming room* propria.

Illi da parti taghha, s-Socjeta' Casma Limited li tmexxi l-azjenda, rribattiet li kien hemm in-neccessita' li tigi kkjamata fit-Tilwima, l-Union li tgawdi l-maggoranza tal-haddiema ossia Casino Employees Union, u fit-tieni lok ma kienx hemm daqshekk diversita' fuq il-post tal-xoghol. Anzi certi kategoriji fil-catering jahdmu sia hemm u sia f'taqsimiet ohra. In-nuqqas ta' prezenza ta' *skills* u *non-interchangeability* fuq il-post tax-xoghol jimmilitaw kontra t-tezi proposta mill-General Workers' Union.

Da parti taghha l-Casino Employees Union, li allegat li l-maggoranza assoluta tal-haddiema ta' Casma Limited kienu membri taghha, u l-istess Catering Department kien totalment dipendenti fuq il-Gaming Department ghall-ezistenza tieghu.

**PROVI**

Illi mhux kontestat li sa zmien mhux fil-passat remot ossia qabel 1987, u meta l-General Workers' Union kellha l-maggoranza tal-haddiema kollha, kienu jigu effettwati zewg ftehim kollettiv - wiehed ghal *Gaming Department* (inkluz *Strong Room* u *Reception*) u iehor kien ikopri d-dipartimenti tal-Maintenance, Cleaning, Catering, Security u Administration. L-ahhar ftehim kien iffirmat fis-sena 1980.

Illi meta fis-sena 1987 giet kostitwita l-Casma Limited biex topera l-azjenda *de quo,* giet registrata Union ohra ossia *House Union* apposita biex thares il-haddiema specifikament ta' din l-azjenda biss.

Illi jidher ghalhekk din it-Tilwima ghandha l-origini taghha fi sfond storiku milli lavorattiv, aktar u aktar bil-kreazzjoni, kif ga inghad, ta' *House Union. House Union,* del resto, hija limitata *per se* ghal post wiehed tax-xoghol u ma jkollha l-ebda diversita' fuq postijiet ohra  ta' xoghol.

Illi mhux kontestat illi l-General Workers' Union tgawdi l-maggoranza fid-Dipartiment rikjest. F'liema pozizzjoni qeghda allura l-General Workers' Union.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi qabel pero' ma t-Tribunal jghaddi ghall-process numerologiku, ghandha ssir referenza ghad-Decizjoni moghtija fil-kaz ta' l-Air Malta u Cabin Crew. B'dik id-decizjoni, gew stabbiliti l-binarji tal-interessi ta' klassi specifici ta' haddiema fuq kwalunkwe post tax-xoghol, ossia jekk ghandhomx dritt ghal *an appropriate and separate bargaining unit* jew jibqghux jiffurmaw parti minn *a collective bargaining unit.* Vide del resto d-decizjonijiet fil-kazijiet tat-Telemalta u Inginiera Professjonali, l-Freeport u l-General Workers' Union.

Illi gie stabbilit illi sabiex kategorija ikollha ghaqda sindakali separata u distinta, l-istess kategorija trid tkun fil-fatt, kategorija separata u distinta b'kundizzjonijiet ta' xoghol, interessi u fatturi ohra li jwasslu, anzi, jaghtu d-dritt lill-istess kategorija li tkun *a sole bargaining unit.*

Illi nkluz ma' dawn, ghandha ssir referenza ghal numru tal-haddiema fuq skala generali, il-kobor tal-post tax-xoghol, l-interess kummercjali tal-azjenda stess, il-limitazzjonijiet o meno taghha, l-espansjoni kummercjali u sindakali taghha, in-numru tal-haddiema f'dik il-kategorija fuq il-post tax-xoghol, kif ukoll it-talba li ssir min dik il-kategorija partikolari tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol.

Illi tenut kont ta' dan kollu, t-Tribunal ghandu jara t-talba tal-General Workers' Union fl-isfond ta' dawn il-fatturi kollha. Il-process numerologiku ma hux wiehed difficli tnax (12) min wiehed u ghoxrin (21). Apparti dan pero', x'inhi l-posizzjoni ta' dan id-dipartiment fil-konfront tal-azjenda kollha?

Illi hija parti pero' mhux indipendenti mill-komplament. Huma komplimentarji ma xulxin. Huwa post ta' divertiment ghalkemm jidher li huwa *self contained,* jifforma parti mill-ingranar ta' azjenda shiha u intiera, bhala per ezempju fil-kaz ta' lukandi u ristoranti li jimpjegaw inkluzivament chambermaids, waiters, koki, dishwashers, gwardji ecc.

Illi jigi ribadit illi f'kazijiet simili ghandha tinghata l-attenzjoni massima u ezercitata l-akbar diligenza u pre-okkupazzjoni meta ssir il-prezenti talba. L-interess tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol, l-interess tal-principal li jhaddem l-istess haddiema u l-ghaqdiet sindakali li jirrapprezentaw l-istess haddiema ghandhom jigu salvagwardjati kongjuntivament u mhux separatament u distintivament. Fl-ghaqda tinsab is-sahha, l-ispezzettar taghha tahdem kontra kull parti interessata u l-armonija sindakali u lavorattiva kif ukoll kummercjali.

Peress illi hemm minority report, dan jigi pprezentat separatament.

**Minority Report minn Francis Coleiro.**

Niddikjara li m'inhix naqbel mad-decizjoni tal-kumplament tat-Tribunal u qed nappella li t-Tribunal ghandu jilqa' t-talba tal-General Workers' Union, li tinghata l-gharfien li tinnegozja f'isem il-haddiema tal-Food and Beverage Department tal-Casino, f'kelma ohra l-General Workers' Union tkun *appropriate collective bargaining unit*, f'isem dawn il-haddiema.

Ir-ragunijiet huma dawn :

a) L-argument imqanqal minn membru tat-Tribunal, li fil-kaz tal-Cabin Crew ta' l-Air Malta, il-haddiema jaghmlu xoghol separat u differenti minn dak tal-kumplament tal-haddiema l-ohra ta' l-Air Malta, ghandu jittiehed l-istess ghall-haddiema tal-Food and Beverage fil-Casino, ghax huma wkoll jaghmlu xoghol separat u differenti minn dak tal-haddiema l-ohra tal-Casino.

b) Punt li gie relevat fl-ahhar seduta u li dan gie ammess mill-istess rapprezentant tal-Casino Employees Union, li membri ta' l-istess Union (C.E.U.), ippruvaw iressqu ilment mal-Union taghhom, imma li dawn gejjin mid-dipartiment tal-Food and Beverage. Kien x'kien il-kaz, immaterjali. Ic-C.E.U. qalu lil dawn il-haddiema biex jekk iridu jmorru ghand il-Union l-ohra, (il-G.W.U.) u jehdulhom il-kaz huma. Jekk hemm xi dubju dwar dan, imissu

t-tiehed il-parir tieghi li jittiehed affidavit miz-zewg nahat, (C.E.U. u haddiema fil-F & B).

Dan il-kaz juri car, kemm hija responsabbilta' tal-kumpanija taghha kollha, ikunu mharsa kollha l-istess.

Wiehed irid jifhem li c-C.E.U. mhix Union organizzata barra mix-xoghol, imma Union b'rapprezentanti gejjin biss minn settur wiehed mill-kumpanija. Setghet kienet vici versa. Jekk il-kumpanija ma tarax din ir-responsabbilita', ghandu jaraha t-Tribunal.

c) Ma hux argument l-anqas li l-kumpanija tghid li l-Food and Beverage huma ancillari mal-Gaming Staff. L-istess jista' jinghad ghal kaz tal-Cabin Crew tal-Air Malta u decizjoni simili li ttihdet minn Tribunali ohra, fejn inghataw gharfien lill-parti minn grupp ta' haddiema. Dawn huma wkoll ancillari, ghax fil-kaz tal-Cabin Crew, dawn ma jistghux jahdmu minghajr il-haddiema l-ohra u l-istess haddiema ta' l-Air Malta ma jistghux jahdmu minghajr il-Cabin Crew.

Dan jghodd ghall kull azjenda ohra.

Ghall-dawn ir-ragunijiet, jien inhoss li t-Tribunal ghandu jilqa' t-talba tal-General Workers Union.

**Konkluzjoni**

Illi t-talba tal-General Workers' Union kif dedotta ma tistax tigi milqugha ghall-gharfien ewlieni biex

tirrapprezenta l-impjegati fit-taqsima tal-catering, u dana ghar-ragunijiet fuq premessi.

ft/Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.
CHAIRMAN

ft/Francis Coleiro
MEMBRU

ft/Maurice Petrocochino
MEMBRU

------------------
George Attard
SEGRETARJU